MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 121/1991/2

**Carmelo Sultana f'ismu u bhala mandatarju ta' l-imsiefer huh, Joseph Sultana u dan bis-sahha ta' prokura generali, li kopja taghha qeghda tigi hawn annessa u markata bhala dokument A u b'nota tas-27 ta' Frar 2006 Maria Assunta armla ta' Carmelo Sultana assumiet l-atti tal-kawza ghan-nom ta' l-imsiefer Joseph Sultana u b'digriet tal-10 ta' Marzu 2006, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Antoinette, Godwin u Cynthia ahwa Sultana bhala l-eredi ta' missierhom Carmelo Sultana li miet fil-mori tal-kawza**

**v.**

**Pawlu Sultana u Ernest Gauci**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell interpost mill-atturi proprio et nomine minn decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Civili fit-8 ta' April 2003 li tghid hekk:
"Il-Qorti ,

"Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur proprio et nomine wara li ppremetta :

"Illi l-attur proprio et nomine huwa ko-inkwilin flimkien mal-konvenut, Pawlu Sultana tal-garage bin-numru hamsa (5), Gnien Xibla Street, Xaghra, Ghawdex ;

"Illi ricentement u ad insaputa tal-istess attur proprio et nomine, il-konvenut, Pawlu Sultana qabad u rrinunzja jew ceda d-drittijiet lokatizji fuq l-istess garage a favur tal-istess konvenut l-iehor, Ernest Gauci ;

"Illi dina r-rinunzja jew cessjoni tad-drittijiet lokatizzji mill-konvenut Pawlu Sultana giet maghmula in frode u in pregudizzju tad-drittijiet tal-istanti u ghalhekk din ir-rinunzja tad-drittijiet lokatizzji favur il-konvenut, Ernest Gauci hija revokabbli u annullabbli .

"Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. tiddikjara u tiddeciedi illi dina ir-rinunzja jew cessjoni tad-drittijiet lokatizzji fuq il-garage bin-numru hamsa (5), Gnien Xibla Street, Xaghra, Ghawdex saret in frode u in pregudizzju tad-drittijiet tal-istanti proprio et nomine ;

2. konsegwentement tirrevoka u tannulla kwalunkwe skrittura ta' cessjoni jew rinunzja li saret tad-drittijiet lokatizzji fuq il-fond hawn fuq imsemmi u l-istess konvenut, Ernest Gauci, jigi ikkundannat fi zmien qasir u

perentorju li jigi lilu prefiss li jikkonsenja lill-attur proprio et nomine c-cwievet tal-istess garage;

3. u fi kwalunkwe kaz tiddikjara illi l-istess konvenuti huma responsabbli ghal hlas tad-danni versu l-attur proprio et nomine .

“Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra interpellatorja tat-28 ta’ Settembru 1991 u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma mharrka .

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur nomine minnu mahlufa .

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Pawlu Sultana li eccepixxa :

1. Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt fil-konfront tal-eccipjenti ghaliex fl-ewwel lok l-attur ma ghandu ebda drittijiet ta’ lokazzjoni fuq il-fond de quo; u fit-tieni lok, kull ma ghamel l-eccipjenti hu illi hu irrinunzja ghad-drittijiet lokatizzji kollha tieghu fuq il-fond numru hamsa (5) Triq Gnien Xibla, Xaghra, u bl-imsemmija skrittura ma giet adoperata ebda frodi lill-attur u lanqas ma gie kagunat lilu xi pregudizzju .

2. Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur .

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenut minnu mahlufa .

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut l-iehor Ernest Gauci li eccepixxa :

“Illi t-talbiet huma nfondati fid-dritt u fil-fatt fil-konfront tal-eccipjenti billi huwa ma uza ebda frodi u qerq kif qed jigi allegat mill-attur u dana billi huwa dahal fil-pussess tal-

fond de quo bil-kunsens tal-konvenut l-iehor li sadanittant kien l-okkupant tal-garage imsemmi .

“Salvi eccezjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenut minnu mahlufa .

“Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi ta’ l-attur nomine u l-konvenut Sultana .

“Rat l-atti l-ohra tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

“Ikkunsidrat :

“Illi permezz ta’ din il-kawza l-attur f’ismu u f’isem huh imsiefer Joseph qed jitlob dikjarazzjoni illi cessjoni ta’ drittijiet lokatizji fuq il-garage imsemmi li saret minn huhom il-konvenut Pawlu Sultana a favur tal-konvenut l-iehor Gauci, saret bi frodi u pregudizzju tad-drittijiet taghhom. Ghalhekk talbu wkoll lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tannulla kwalunkwe skrittura li saret dwar din ic-cessjoni, tikkundanna lill-konvenut Gauci jirritorna lilhom ic-cwievet ta’ l-istess garage u tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni kkagunati lilhom .

“Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti :

“Il-konvenut Gauci akkwista l-proprjeta’ ta’ fond fix-Xaghra, Ghawdex, bil-garage in kwistjoni anness mieghu . Dik il-habta l-garage kien okkupat mill-konvenut Pawlu Sultana li kien izomm xi karozzi fih . Huwa xtaq jiehu f’idejh il-pussess anke ta’ dan il-garage u ghalhekk dahal fi trattattivi ma’ Pawlu Sultana bl-iskop li jirrilaxxjahulu . Waqt in-negozjati pero’ Pawlu Sutana informa lil Gauci li jista’ jaghti l-kaz illi hutu kellhom xi pretensjonijiet ukoll fuq dan il-garage u ghalhekk baghtu jkellem lill-attur. Il-partijiet ma tantx jaqblu dwar ir-rejazzjoni ta’ l-attur . Filwaqt illi Gauci jghid illi dan ma tantx wera interess, Carmelo Sultana qal illi peress illi kellu l-prokura ta' huh Joseph,

ried jibghat isaqsih dwaru . Fi kwalunkwe kaz pero' gara illi Gauci lahaq ftehim mal-konvenut l-iehor Pawlu Sultana, offrielu somma flus, saret skrittura u dan ghadda l-muftieh tal-garage lil Gauci . F'xi zmien wara l-attur sar jaf b'li kien gara u ghalhekk fetah din il-kawza, f'tentattiv li jwaqqa' dak li kien ghamel huh minghajr il-kunsens tieghu .

"Ghalkemm jirrizulta indubbjament illi giet redatta xi tip ta' skrittura bejn Gauci u Pawlu Sultana, u huwa maghruf illi l-forma bil-miktub hija mehtiega dejjem *ad validitatem* f'kaz ta' cessjoni (art. 1470 tal-Kap. 16), din baqghet qatt ma giet esebita ghax intqal li kienet intilfet . Il-Qorti ghalhekk ma hix f'pozizzjoni li tkun taf f'hiex kienet tikkonsisti l-istess skrittura u jekk hux minnu illi Pawlu Sultana kien ukoll ftiehem ghan-nom ta' hutu kif qed jigi minnhom allegat, u cediex ghalhekk xi drittijiet lokatizji li dawn jippretendu li kellhom fuq l-istess garage . Apparti n-nuqqas ta' prova konkreta li kienet taghti l-kontenut ta' din l-iskrittura li kieku giet esebita, il-konvenut Sultana jindika ostakolu iehor ghas-success tat-talbiet attrici . Infatti l-artikolu sussegwenti tal-Kodici Civili (art. 1471) jiddisponi illi :

""***Ic-cessjonarju ma jistax, kwantu ghal terzi jezercita l-jeddijiet lilu ceduti, hlief wara li c-cessjoni tkun giet imgharrfa lid-debitur b'att gudizzjarju, mic-cessjonarju nnifsu jew mic-cedent***."

"Minn imkien ma rrizulta illi l-attur qatt gie mgharraf b'xi att gudizzjarju dwar il-kontenut ta' din l-iskrittura, kif trid il-ligi u ghalhekk anke jekk, minkejja kull dikjarazzjoni kuntrarja tal-konvenut Sultana u x-xhieda minnu prodotti, partikolarment l-avukat Carmelo Galea li kien gie minnu konsultat dwar din il-kwistjoni, wiehed kellu, ghall-grazzja tal-argument biss, jammetti illi Pawlu Sultana kien innegozja wkoll f'isem hutu minghajr il-kunsens taghhom, tali cessjoni xorta wahda ma seta' jkollha ebda effett legali fil-konfront ta' dawn ta' l-ahhar qabel ma l-istess fatt ta' cessjoni jkun gie notifikat lilhom, kif titlob il-ligi bl-artikolu hawn citat .

"Jekk allura l-attur proprio et nomine kellu xi drittijiet lokatizji jew xort'ohra fuq il-garage in kwistjoni, dawn ma setghu qatt jigu ppregudikati b'dak li ghamel huh Pawlu Sultana meta in kambju ta' flus li rcieva minghand il-konvenut Gauci, huwa hareg hwejju mill-istess garage u kkonsenjalu c-cwievet . Ghalhekk it-talbiet ta' l-attur f'dan ir-rigward ma jistghux jirnexxu, u wisq inqas il-konvenuti jistghu jigu dikjarati responsabbli ghad-danni dwar haga li ma gietx ipprovata u li qatt ma setghet kellha effett fil-konfront ta' l-attur jew huh minnu rappresentat .

"Dwar it-talba sabiex il-konvenut Gauci jigi ordnat jirritorna c-cwievet tal-garage in kwistjoni, il-Qorti thoss illi din it-talba lanqas ma tista' tintlaqa', ghar-raguni illi ordni simili tkun tiddependi qabel xejn minn ezami ta' xi drittijiet o meno seta' kellhom l-istess attur u huh fuq dan il-garage u wara li jigi ppruvat illi l-attur proprio et nomine tassew kellu xi drittijiet x'jigu salvagwardati fuq dan il-fond . Dan pero' kien ikun jista' jsir biss f'kaz ta' talba sabiex l-istess attur u huh jigu per ezempju dikjarati ko-inkwilini ta' l-istess fond kif donnhom qed jallegaw, haga pero' illi baqghet ma saritx f'dawn il-proceduri .

"Ghal dawn il-motivi ghalhekk il-Qorti, filwaqt illi thalli mpregudikata l-kwistjoni dwar id-drittijiet li l-attur proprio et nomine jista' jkollu fuq il-fond mertu tal-kawza, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-attur nomine".

**<u>L-APPELL TA' L-ATTURI</u>**

2.1 L-atturi pro et nomine hassewhom aggravati bis-sentenza surreferita u interponew appell minnha ghal fini tar-revoka taghha u dan ukoll sabiex jigu michuda l-eccezzjonijiet tal-konvenut u milqugha t-talbiet kollha taghhom kif dedotti fic-citazzjoni, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati.

2.2 L-aggravju ta' l-atturi jista' jigi migbur fil-qosor kif ser jinghad:-

(I) Li l-ewwel Qorti mxiet skorrettement f'dik li hija evalwazzjoni tal-provi meta giet rinfaccjata b'sitwazzjoni fejn l-iskrittura impunjata ma gietx esebita. L-atturi zgur ma kellhom ebda htija ghan-nuqqas ta' produzzjoni ta' din

l-iskrittura ta' lokazzjoni. Fic-cirkostanzi, kien allura jinkombi maggorment fuq l-ewwel Qorti li tapprofondixxi aktar il-provi u tasal ghal gudizzju tajjeb.

L-uniku konflitt fix-xiehda hu jekk il-konvenut Pawlu Sultana cediex id-drittijiet tal-kirja li kellu hu biss jew jekk, inkella, ittrasferixxhiex wkoll l-jeddijiet ta' hutu. Il-provi juru li kien hemm "intenzjoni inekwivoka" taz-zewg partijiet kontraenti li c-cessjoni jew ir-rinunzja tal-kirja de quo kienet tirrigwarda l-lokazzjoni intera.

(II) F'kull kaz il-konvenut qua ko-inkwilin, ma setax icedi wahdu l-kirja billi l-jedd lokatizju huwa wiehed u indivizibbli u l-Artikolu 1471 tal-Kap. 16, citat mill-ewwel Qorti, ma huwiex applikabbli ghal dan il-kaz billi "non si tratta" hawn ta' debitur. Fi kwalunkwe kaz, billi hawn kien hemm il-qerq, ir-rilaxx tal-fond ma kellux imur favur il-konvenut Ernest Gauci imma ghand il-ko-inkwilin, jigifieri ghand l-atturi.

(III) Il-prova dwar xi drittijiet ta' kirja kellhom l-atturi u l-konvenut Pawlu Sultana kienet tirrizulta mill-provi akkwiziti, li mhux biss ma gewx kontradetti, imma anzi gew ikkonfermati mill-konvenuti.

**IR-RISPOSTA TAL-KONVENUT PAWLU SULTANA**

3. Il-konvenut Pawlu Sultana wiegeb li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi u dan ghar-ragunijiet segwenti:

(I) Skond dan il-konvenut, l-attur Carmelo Sultana, illum mejjet, ittenta jibni argumenti bbazati fuq "kontradizzjonijiet immaginarji u bla ebda bazi". Evalwazzjoni korretta tax-xiehda, isostni l-appellat, trid necessarjament tiehu in konsiderazzjoni x-xiehda kollha u mhux brani zghar tax-xiehda mehuda barra mill-kuntest taghhom. Ma kien hemm ebda raguni ta' apprezzament differenti tal-provi akkwiziti minn dak maghmul mill-ewwel Qorti.

(II) Anke f'dak illi jikkoncerna l-interpretazzjoni tal-punti legali involuti, l-ewwel Qorti kienet korretta li f'dik li

hija interpretazzjoni u f'dik li hija applikazzjoni tal-principji legali fid-decizjoni appellata.

4. Jigi rilevat li, minkejja li gie debitament notifikat b'dan l-appell, l-appellat ko-konvenut l-iehor, jigifieri Ernest Gauci, ma pprezenta ebda risposta ghar-rikors ta' appell ta' l-atturi.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

5. Permezz tal-kawza in ezami l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni fis-sens li c-cessjoni ta' drittijiet lokatizji fuq il-garaxx li jinsab fi Triq Gnien Xibla, bin-numru hamsa (5) gewwa x-Xaghra, Ghawdex, saret bi frodi u pregudizzju tad-drittijiet taghhom u kwindi anke kull skrittura rigwardanti din ic-cessjoni, u li tikkundanna lill-konvenut Gauci jirritorna lilhom ic-cwievet ta' l-imsemmi garaxx u li tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni kkagunati lilhom.

6. Wara li ezaminat il-provi akkwiziti, din il-Qorti hija tal-ferma konvinzjoni li l-aggravji ta' l-atturi huma fondati u li l-appell taghhom jimmerita li jigi milqugh.

7. Jirrizulta sufficjentement mill-provi li xi forma ta' skrittura ta' cessjoni ta' lokazzjoni rigwardanti l-kirja tal-garaxx *"de quo"* <u>fil-fatt saret</u>. Din l-iskrittura, li baqghet ma gietx esebita fil-process minhabba inadempjenza totali da parti tal-persuni responsabbli minnha, saret bejn il-konvenut Pawlu Sultana u l-konvenut l-iehor Ernest Gauci, kif assistiti mill-avukati rispettivi taghhom. Stranament – anzi b'mod suspettuz ghall-ahhar – din l-iskrittura ma setghet tigi rintraccjata mkien. Il-persuni involuti jirrikonoxxu li saret imma hadd minnhom ma gharaf jipproduciha bl-iskuza li ma setghetx tinstab la fl-original u lanqas bhala kopja. Mhux hekk biss, imma sahansitra jirrizulta li fl-istadju tal-gbir tal-provi, il-konvenut Ernest Gauci waqt li jaghti l-intendiment li kien ser jipproduciha tramite Frank Salt, in segwitu pero` mhux biss jibqa' inadempjenti imma jinnega li huwa qatt ta' x'wiehed jifhem li kellu din l-iskrittura ghad-disposizzjoni tieghu. F'din id-deposizzjoni qasira – li qeghda tigi riportata fl-intier u li saret fis-seduta tal-25 ta' Marzu 1994

(ara *fol.* 74 tal-process) – dan il-konvenut kien xehed hekk:
"Jien kont naf li kont imharrek biex nixhed il-bierah biss u peress li kont Ghawdex, <u>jiena ffaxjajt lil Frank Salt li sab l-iskrittura u qieghed nistenna li dan jiffaxjahhieli</u>." (sottolinear tal-Qorti)

Kif gia` nghad izda, l-istess konvenut in segwitu jinnega kollox hlief li l-iskrittura tassew kienet saret. Sfortunatament ma jidhirx li l-ewwel Qorti tat xi importanza ghal dan in-nuqqas hekk lampanti da parti tal-konvenut Gauci.

8. F'dawn ic-cirkostanzi ferm suspettuzi, li dwarhom il-kontroparti attrici ma kellha l-ebda kontroll, din il-Qorti ma tasalx biex tifhem kif l-ewwel Qorti seghet izzomm tali mankanzi kontra t-tezi attrici billi tikkonkludi li hija "ma hix f'posizzjoni li tkun taf f'hiex tikkonsisti l-iskrittura u jekk hux minnu illi Pawlu Sultana kien ukoll ftiehem ghan-nom ta' hutu…. u cediex ghalhekk xi drittijiet lokatizji li dawn jippretendu li kellhom fuq l-istess garage". Dan kollu qieghed jinghad ghar-raguni li, kif tajjeb gie rilevat mill-atturi, jezistu provi ohrajn, fin-nuqqas tal-produzzjoni ta' din l-iskrittura, li setghu jaghtu dawl fuq dak li x'aktarx sehh bejn il-partijiet, komprizi l-konvenuti.

9. Meta l-konvenut Pawlu Sultana xehed – ara d-deposizzjoni tieghu moghtija fl-4 ta' Dicembru 1992, a fol. 38 u 39 tal-process – li kien jippretendi li l-kirja tal-garaxx kienet <u>kollha tieghu</u> (ara fol. 39) u li l-ammont tal-kera kien ihallsu hu minn butu, ankorke` jitnizzel fuq isem missieru ("ghax jien qatt ma tajt kaz, kont inhallsu u qatt ma kont nistaqsi"), dan kien juri li l-intenzjoni tieghu kjarament kienet li jilhaq ftehim ma' Ernest Gauci ad eskluzjoni ta' hutu. Dan hu hekk ghaliex kien qieghed jippretendi li l-kirja kienet tghajjat biss lilu, allura jsegwi li Pawlu Sultana ma kellux ghalfejn jaghmel rizervi favur terzi li ma kellhom drittijiet ta' xejn. Incidentalment, f'din l-istess deposizzjoni, il-konvenut Pawlu Sultana <u>jipprometti</u> li fis-seduta ta' wara kellu jesebixxi kopja ta' l-iskrittura izda jonqos milli jaghmel dan.

10. Ix-xiehda ta' Ernest Gauci mbaghad hija inattendibbli ghall-ahhar. Apparti dak li gia` ntqal supra, dan il-konvenut lanqas biss jiftakar li ffirma xi skrittura (fol. 46) u lanqas jiftakar kemm hallas bhala rigal, ghal fini ta' cessjoni, lill-konvenut Pawlu Sultana (fol. 47). Jghid li meta ftiehem ma' Pawlu Sultana dwar ic-cessjoni tal-lokazzjoni, ma kienx jaf li Carmelo Sultana "kellu sehem mill-post", eppure xorta wahda hass il-htiega li javvicinah (?!), izda dan kien wiegbu li "huwa (jigifieri Carmelo Sultana) ma kellux x'jaqsam". Mhux hekk biss imma jghid ukoll li lil Carmelo Sultana kien mar ikellmu qabel ma kien kellem lill-konvenut Pawlu Sultana (47), haga li ftit taghmel sens meta suppost, dejjem skond il-konvenut, dan Carmelo Sultana ma kellu x'jaqsam assolutament xejn mal-kirja tal-garaxx. Frankament, din il-Qorti jidhrilha li x-xiehda kollha ta' Ernest Gauci hija wahda ghal kollox inaffidabbli u ghandha tigi skartata.

11. Bil-maqlub tas-suespost, il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attur Carmelo Sultana, illum mejjet, tirrispekkja s-sewwa. Jirrizulta li dan kien gie avvicinat minn Ernest Gauci, flimkien ma' certu Victor Sillato, fejn hu jghid li wiegeb hekk (fol. 50) ghall-proposta li kienet saritlu dwar il-kirja tal-garaxx:
"Jiena ghidtlu li hemmhekk hemm hija l-imsiefer ukoll u jien irrid nibghatlu (sic), imbaghad inkun nista' nghidlek jien biex incedilu sehemi u sehem hija."

Evidentement, dan il-bran juri bic-car mhux biss li Gauci kien edott mill-fatt li l-kirja tal-garaxx kienet fil-fatt ta' l-ahwa Sultana kollha imma wkoll li dan Carmelo Sultana ried jiehu z-zmien tieghu biex jara x'kellu jitlob, bhala hlas, minghand Ernest Gauci, bhala korrispettiv ghac-cessjoni tal-kirja awspikata minn Gauci, li nel frattemp irrizuta li kien xtara l-fond li kien jikkomprendi wkoll mieghu l-imsemmi garaxx. Il-provi juru li fil-fatt dan Gauci mar izjed minn darba jfittex lil Carmelo Sultana biex jara kif ser jibqa' mieghu u ma' huh li kien imsiefer. Il-probabilita` ghalhekk hija, u fil-kamp civili dan il-grad ta' konvinciment huwa sufficjenti, li ghalkemm fil-bidu kemm il-konvenut Pawlu Sultana u kemm il-konvenut l-iehor Ernest Gauci, jigifieri l-akkwirent, xtaqu jikkonkludu l-ftehim ta' cessjoni

maz-zewg ahwa l-ohra wkoll, meta raw li l-affari kienet sejra titwal, huma ghazlu minflok it-triq li jikkonkludu ftehim ad eskluzjoni ta’ l-atturi. Dan qieghed jinghad ghar-raguni illi li kieku stess Pawlu Sultana bhala ko-inkwilin, lahaq xi ftehim unilaterali ma’ Ernest Gauci, b’daqshekk il-kirja ut sic ma kenitx tintemm ipso facto, u kwindi ma kienx ikun hemm skop ghalfejn l-istess Pawlu Sultana jghaddi c-cavetta tal-garaxx lil Gauci, minflok ma jaghtiha lil hutu. Ghandu ghalhekk ikun sufficjentement ovvju li l-ftehim milhuq bejn il-konvenuti u redatt fi skrittura kien intiz merament biex jagevola biss lilhom it-tnejn, a detriment ta’ l-ahwa Sultana l-ohra, li allura sfaw gravement ippregudikati b’dan l-agir frawdolenti adoperat mill-imsemmija konvenuti. Fi kliem iehor, li kieku rrizulta li l-ftehim milhuq bejn il-konvenuti kien cirkoskritt ghad-drittijiet u jeddijiet taghhom it-tnejn, allura kien ikun jammonta tassew ghal “res inter alios acta” fil-konfront ta’ terzi. Imma dan ma jidhirx li hu l-kaz ghaliex proprju in forza ta’ l-imsemmi ftehim, Pawlu Sultana zgombra mill-garaxx de quo u ghadda c-cavetta tieghu lis-sid, li kif rajna nel frattemp il-garaxx kien gie akkwistat minn Gauci. Fl-istess waqt imbaghad Ernest Gauci beda jippretendi li l-kirja giet ceduta favurih u l-post ghadda fil-pussess tieghu ad eskluzjoni taz-zewg ko-inkwilini l-ohra, jigifieri l-ahwa Carmelo u Joseph Sultana. Dan l-operat qarrieqi jispjega wkoll perfettament il-ghala hadd mill-persuni involuti fir-redazzjoni ta’ l-iskrittura ta’ cessjoni tal-garaxx de quo, komprizi l-avukati, ma gharaf jipproduci kopja taghha, kif ukoll ghad-diversi amneziji riskontrati mill-konvenuti u l-avukati taghhom fil-kors tad-deposizzjonijiet moghtijin minnhom. Rebus sic stantibus, din il-Qorti, trattandosi ta’ operat u agir frawdolenti, ma ghandhiex ghalfejn tkompli tinvesti wkoll il-bqija ta’ l-aggravji. Izzid biss li, riferibbilment ghat-tielet talba attrici, li sejra tigi milqugha, din ghandha tibqa’ tinftiehem bhala mera dikjarazzjoni ta’ responsabilita` ta’ danni – u li, jekk tassew dawn id-danni huma kwantifikabbli f’ammont – dan l-ezercizzju se mai ghandu jsir permezz ta’ procedura separata minn dik in ezami, peress li t-tielet talba kif dedotta ma tikkomprendix ukoll fiha talba ghal fini ta’ likwidazzjoni ta’ danni.

12. Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi filwaqt li qeghda tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Qorti ta' l-ewwel grad fil-kawza fl-ismijiet premessi, tilqa' l-appell ta' l-atturi proprio et nomine; u kwindi tilqa' wkoll it-talbiet kollha attrici kif dedotti u tirrespingi ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

L-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu solidament miz-zewg konvenuti appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------